MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 13/2007

**Borg & Aquilina Limited (C496)**

**vs**

**George Mizzi (ID335867M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mija erbgha u tmenin  Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmi (LM184.43)  mill-konvenut bhala bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lilu fuq ordni tieghu stess;

Il-konvenut baqa' nadempjenti minkejja li ntbaghtitlu ittra legali tas-27 ta' Gunju, 2006 u ittra ufficjali ezekuttiva (ai

termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12) Nru 7571/06 nhar it-3 ta’ Ottubru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali (Dok BA1) l-ittra ufficjali (dok BA2) u tal-mandat ta’ qbid 2621/06JB (ipprezentat 3 ta’ Ottubru, 2006) u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz.

Qed jintalab ukoll imghaxijiet mid-data ta’ kull fattura sal-pagament.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzamu quddiem it-Tribunal;

Ra lli gie prezentat kapitolu fil-5 ta’ Frar, 2007 mill-Avukat Joseph Camilleri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Ra li l- konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------